MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-12 ta' Lulju, 2012

Rikors Numru. 33/2012

**AB**
**vs**
**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettiet:

Illi l-partijiet izzewgu fl-erbgha u ghoxrin ta’ Mejju tal-elf disgha mija u tmenin (1980) (Ara Dok A anness) u minn dan iz-zwieg ma kellhomx ulied ;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b’kuntratt redatt minn Nutar Dottor Joseph Henry Sciriha sa mill-ghoxrin (20) ta’ Settembru tas-sena elf disgha mija u erbgha u tmenin (1984) (Ara Dok B anness) ;

Illi m’hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom *stante* illi minbarra li ilhom sebgha u ghoxrin (27) sena mifrudin, illum ghandhom hajja totalment

separata minn xulxin u r-rikorrenti sahansitra ffurmata rabta soda u relazzjon stabbli ma persuna ohra ;

Illi skond l-istess kuntratt ta' separazzjoni personali (Ara Dok B anness, Klawsola c) ir-rikorrenti irrinunzjat ghal kull dritt ta' manteniment u assumiet ir-responsabbilita' shiha tal-manteniment taghha ;

Talbet li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja id-divorzju taz-zwieg bejnet il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bill-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimat, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1. Illi l-esponent jaqbel mal-fatti esposti fir-rikors promotur u jaqbel ukoll mal-prununzjament minn dina l-Onorabbli Qorti tad-divorzju bejn il-partijiet;

Rat id-digriet taghha tal-5 ta' Marzu, 2012;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Semghet lir-rikorrenti tixhed bil-gurament taghha;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul; u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-20 ta' Settembru 1984 u ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll li, skond l-istess kuntratt ta' separazzjoni, hija irrinunzjat ghal kull dritt ta' manteniment u illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------